# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2024**

**Numru 4**

**Rikors numru 910/2019/1GM**

**Irene Causin**

**v.**

**No Deposit Cars Malta Ltd (C 85780)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn digriet tal-Ewwel Qorti tat-8 ta' Frar, 2022 li permezz tiegħu ġiet miċħuda talba sabiex il-kumpanija konvenuta tressaq eċċezzjoni ulterjuri; kif ukoll minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Frar, 2023 imressaq mill-kumpanija konvenuta li permezz tagħha: (i) laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi biex b'hekk iddikjarat li l-vettura mixtrija mill-attriċi mingħand il-kumpanija konvenuta kellha difetti gravi, moħbija u pre-eżistenti li għamluha mhux tajba għall-użu li għalih

hija kienet maħsuba u għalhekk sabet li l-kumpanija konvenuta kisret il-kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet u ħassret b'hekk il-bejgħ u ordnat lill-kumpanija konvenuta trodd lura lill-attriċi s-somma ta' €15,155; (ii) ċaħdet ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi; u (iii) ikkundannat lill-kumpanija konvenuta ġġorr l-ispejjeż tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-25 ta' Settembru, 2019 l-attriċi fissret li f'Ġunju tas-sena 2019, ftehmet mal-kumpanija konvenuta li tixtri u tirċievi mingħandha l-vettura tal-għamla 'Hyundai i30' għall-prezz ta' tnax-il elf ewro (€12,000), li minnhom hija ħallset mitt ewro (€100) bħala depożitu akkont tal-prezz nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif ukoll il-bilanċ ta' ħdax-il elf u disa' mitt ewro (€11,900) nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tal-istess sena. Tfisser ukoll li ħallset lill-kumpanija konvenuta s-somma komplessiva ta' sitt mija u ħmistax-il ewro (€615) rappreżentanti l-prezz tal-liċenzja u tal-assikurazzjoni.

3. Tissokta tgħid li billi l-kumpanija konvenuta naqset milli twettaq il-ftehim milħuq magħha għall-konsenja tal-vettura tal-għamla 'Hyundai i30', hija ma tħallietx tieħu l-flus lura għall-ebda raġuni. Għaldaqstant tgħid li l-partijiet ftiehmu sabiex minflok hija tixri u takkwista karozza oħra. Hija ġiet offruta vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru ta' reġistazzjoni 'FCQ-

724', u dan għall-prezz komplessiv ta' erbatax-il elf, ħames mija u erbgħin ewro (€14,540).

4. L-attriċi tgħid li nhar l-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ħallset lill-kumpanija konvenuta l-bilanċ ta' elfejn, ħames mija u erbgħin ewro (€2,540) u ħadet il-pussess tal-vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCQ-724'. Tgħid li din il-karozza kellha bosta difetti gravi, moħbija u pre-eżistenti iżda li hija ma setgħetx b'diliġenza ordinarja ssir taf bihom qabel ma din il-karozza ngħatat lilha. Tissokta tgħid li d-difetti kienu tali li ma setgħetx tagħmel użu mill-karozza skont id-destinazzjoni tagħha. Iżżid li l-vettura lanqas ma kienet tal-kwalità pattwita u dan billi filwaqt li kienet ġiet reklamata u mixtrija taħt il-patt u l-kundizzjoni li kienet fi *'brand new condition'*, dan ma kienx assolutament minnu.

5. L-attriċi tgħid li hi ma kellha ebda għażla għajr li tirritorna l-vettura fil-pussess tal-kumpanija konvenuta u titlob ir-rifużjoni tal-prezz minnha mħallas għall-istess vettura, kif ukoll ir-rimbors tas-somma ta' €615 imħallsa għal-liċenzja u l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura oriġinarjament kuntrattata. Madankollu, tgħid li l-kumpanija konvenuta rrifjutat li tirrifondi l-flus imħallsa minnha u dan filwaqt li l-impjegati, ir-rappreżentanti u/jew l-uffiċjali tal-kumpanija konvenuta bdew jaġixxu b'mod belliġeranti, aggressiv u ndinjituż - tant li hija kellha tagħmel rapport mal-Pulizija Eżekuttiva.

6. Tgħid li hija ma kellhiex triq oħra għajr li tikri vettura kif ukoll tagħmel numru ta' spejjeż direttament konsegwenzjali għan-nuqqasijiet imputabbli lill-kumpanija konvenuta li tirrispetta l-obbligi tagħha b'dan li hija ġarrbet numru ta' danni.

7. L-attriċi tgħid li minħabba l-intransiġenza tal-kumpanija konvenuta ma kellha ebda għażla oħra għajr li tiddepożita l-vettura taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti.

8. Illi għalkemm sejħet lill-kumpanija konvenuta diversi drabi għar-rifużjoni tal-flus minnha mħallsa, dan kien kollu ta' xejn. Kien għalhekk li kellha ssir din il-kawża fejn l-attriċi talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCQ-724' kienet afflitta minn difetti gravi, okkulti u pre-eżistenti li rrendewha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba;*
>
> *ii. Tiddeċiedi u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta kisret il-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-bejgħ u l-konsenja tal-vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCQ-724';*
>
> *iii. Tirrexxindi l-bejgħ tal-vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCQ-724' u konsegwentement tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' ħmistax-il elf, mija u ħamsa u ħamsin ewro (€15,155), rappreżentanti l-prezz imħallas għall-vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCQ-724' u l-prezz tal-liċenzja u l-polza tal-assikurazzjoni kif fuq premess;*
>
> *iv. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni subiti mir-rikorrenti b'riżultat tan-nuqqas tal-istess soċjetà konvenuta li tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-bejgħ tal-vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'FCQ-724';*

*v. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorendo bl-opera ta' perit nominandi;*

*vi. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallas lir-rikorrenti d-danni kollha kif likwidati.»*

9. Il-kumpanija konvenuta No Deposit Cars Malta Ltd ressqet tweġiba maħlufa fl-1 ta' Novembru, 2019 u eċċepiet hekk:

*«1. It-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;*

*2. Ma huwiex minnu illi l-vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru tar-reġistrazzjoni FCQ-724 ġiet mibjugha b'difetti moħbija u latenti kif qed jiġi allegat mill-attriċi u għalhekk ebda ammont ma hu dovut mis-soċjetà konvenuta;*

*3. Inoltre l-bejgħ inkwistjoni hu tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet;*

*4. F'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegati "difetti gravi" ilmentati mill-attriċi la huma difetti latenti u lanqas jekk jirriżulta li jeżisti xi difett, dan qatt ma jista' ikun attribwibbli lis-soċjetà konvenuta;*

*5. F'kull każ u wkoll mingħajr preġudizzju għal dak eċċepiet, ma jeżistux l-elementi li jiġġustifikaw l-actio redhibitoria.»*

10. Illi nhar it-3 ta' Settembru, 2021, il-kumpanija konvenuta ressqet rikors li permezz tiegħu talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tawtorizzaha tressaq eċċezzjoni ulterjuri. L-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba b'digriet tat-8 ta' Frar, 2022.

11. Aktar tard b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi: (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta; (ii) laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi biex b'hekk iddikjarat li l-vettura mixtrija mill-attriċi mingħand il-kumpanija konvenuta

kellha difetti gravi, moħbija u pre-eżistenti li għamluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, dan wara li sabet li l-kumpanija konvenuta kisret il-kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet u bħala konsegwenza rrexindiet il-bejgħ u ordnat lill-kumpanija konvenuta trodd lura lill-attriċi s-somma ta' €15,155 rappreżentanti l-prezz imħallas għall-karozza tal-għamla Citroen C3 bin-numru ta' Reġistrazzjoni FCQ 724, il-prezz tal-liċenzja u l-polza tal-assikurazzjoni; (iii) ċaħdet il-bqija tat-talbiet attriċi; u (iv) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-kumpanija konvenuta.

12. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

*«Ikkunsidrat:*

*Din hija azzjoni redibitorja. Il-liġi tagħti lix-xerrej il-fakultà* ***"billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz"*** *(Art. 1427 Kod. Ċiv.). Li jfisser li l-liġi tissubbordina l-effett riżoluttiv tal-bejgħ għat-twettiq ta' piż da parti tax-xerrej: dak li jagħti lura l-ħaġa. Dan huwa dritt cum onere. Ir-riżoluzzjoni tiddependi fuq ir-restituzzjoni.*

*Ir-radd lura tal-ħaġa jsir biex ix-xerrej ma japprofittax ruħu billi jippretendi lura l-prezz mingħajr ma jrodd lura l-prestazzjoni li jkun irċieva. Iservi wkoll sabiex jgħaddi r-riskju tat-telf jew ħsara fil-ħaġa mingħand ix-xerrej għal għand il-bejjiegħ, ukoll jekk ma jaċċettax li jħoll il-kuntratt u jieħu l-ħaġa lura.*

*Għax-xerrej, ir-radd lura fil-pront tal-ħaġa għandha l-inkonvenjent li tneħħilu l-garanzija biex jirkupra l-prezz u l-ispejjeż. Inkonvenjent ieħor li jista' jkollu huwa d-diffikultà li jipprova d-difett ta' ħaġa li ma tkunx għadha f'idu. Għalhekk jista' minflok irodd il-ħaġa lura, jiddepożitaha taħt l-awtorità tal-Qorti. Wara d-depożitu, l-uniku obbligat għar-radd lura tal-ħaġa lill-bejjiegħ ikun id-depożitarju; ix-xerrej ma jibqax responsabbli għall-inkolumità tal-ħaġa. Il-bejjiegħ jista' wkoll jirrikorri għad-depożitu kemm-il darba jidhirlu li m'hemmx lok għar-rifjut mix-xerrej tal-prestazzjoni.*[1]

[1] Ara **C. Massimo Bianca**, *La Vendita e la Permuta* (Vol 7 tat-*Trattato di Diritto Civile Italiano* ta' Filippo Vassalli, 1972) para 429, 430

*L-attriċi xtrat mingħand il-konvenuta karozza tal-għamla Hyundai li għalkemm ħallsitha kollha ma ġietx ikkunsinnata lilha allegatament minħabba problema dwar il-logbook min-naħa tal-Ingilterra. Il-konvenuta – kontra l-liġi - rrijfutat li tirrifondi l-flus. Għalhekk f'Ġunju 2019 il-partijiet ftehmu li minflok l-attriċi tixtri Citroen C3 u ħallset żieda fil-prezz. Skont rapport mal-pulizija li għamlet l-attriċi fl-**10 ta' Lulju 2019**, Luke, impjegat tal-konvenuta assikuraha li l-vettura ma kellha l-ebda problemi u li kienet qisha ġdida billi kellha mileage ta' 5000 kilometri biss, u li kienet intużat fix-showroom biss bħala demo car. Esibit riklam tal-karozza li jgħid "5,000 miles only! Ex Demo Car! Brand new condition".[2] Ma tahix il-logbook minkejja wegħdiet li kien sejjer jitlesta.*

*L-attriċi ġabret il-vettura fl-**4 ta' Lulju 2019**. Meta saqitha ndunat li bdiet iċċekċek; inqala' l-plastik ta' taħt il-mudguard għax kien bla viti u kien jiċċaqlaq x'ħin issuq. Ħadet il-vettura fis-showroom fit-**8 ta' Lulju 2019**. Shaun, impjegat ieħor tal-konvenuta, qalilha li mhux problema u sewwiha. Fid-**9 ta' Lulju 2019** marret għand l-istabbiliment Auto Max. Skont l-attriċi, Marco Bugeja, tal-Auto Max infurmaha li l-karozza kienet qalgħat daqqa kbira u infatti kienet bla airbags; kien hemm bżonn €6,000 biex tissewwa.*

*Bugeja xehed li kien spezzjona l-vettura xi sena u nofs qabel u kif mistenni, ma tantx jiftakar dettalji. Ix-xhud normali ma jkollux memorja fotografika. Stqarr li huwa panel beater u mekkanik, iżda mhuwiex surveyor. Ftakar żgur li kien hemm tiswijiet ħżiena fil-bumper u fanal ta' quddiem, u li mill-VRT l-karozza ma kinitx tgħaddi jekk it-tiswijiet ma jsirux sew. It-tiswijiet kienu fuq in-naħa ta' quddiem tal-karozza. Ma jiftakarx kienx hemm ħsarat oħrajn għaliex karozzi jara mijiet.[3] M'għarafx il-karozza meta muri ritratti tagħha. Jikkalkula li kien hemm €1,200 tax-xogħol iżda l-parts ma jafx kemm jiswew għaliex huwa ma jbiegħx parts. X'hin semmielha l-ħsarat jiftakar li "bdiet tibki għax ħallset il-flus tagħha hu".[4]*

*Skont il-konvenuta, fid-**9 ta' Lulju 2019** hija ċemplet ix-showroom u avżat lil Luke li l-karozza ma ridithiex billi kienet imkissra; marret ix-showroom biex tirritorna l-karozza u tieħu l-flus lura; Luke rrifjuta. Luke jagħti verżjoni oħra. Xehed li wara t-tiswija, l-attriċi ma reġgħetx ilmentat minn xi ħsarat, tant li meta marret mal-avukat tagħha fit-12 ta' Lulju 2019, l-avukat ma lmentax fuq ħsarat imma fuq ir-reġistrazzjoni fil-logbook tal-karozza.[5]*

*Fl-**10 ta' Lulju 2019** għamlet ir-rapport lill-pulizija fuq imsemmi.*

*F'xi jum mhux speċifikat marret ix-showroom akkumpanjata minn żewġha u ċertu Samuel Agius Livori biex tilmenta minħabba l-ħsarat.*

[2] Fol. 183
[3] Fol. 203
[4] Fol. 204
[5] Fol. 250

*Livori xehed viva voce*[6] *u ddeskriva kif ġew injorati mill-impjegati tal-konvenuta. Mistoqsi x'impressjoni ħa, wieġeb "Gravi, jien għalija ma nersaqx 'l hemm".*

*Fit-**12 ta' Lulju 2019** marret ix-showroom ma' żewġha u l-avukat tagħha. Għal darb'oħra l-addetti tal-konvenuta rrifjutaw li jieħdu l-karozza lura. Skont l-attriċi, kemm in eżami kif ukoll in kontro-eżami, l-avukat tagħha poġġa ċ-ċwievet fuq il-bank quddiem Luke, infurmah li l-karozza kienet qiegħda tiġi rritornata*[7] *u ħallew il-karozza fuq ir-rampa. Ma ntalbitx riċevuta taċ-ċwievet.*[8]

*Skont Luke Milton, l-avukat poġġa ċ-ċwievet fuq il-bank u qallu li l-attriċi ma kinitx qed taċċetta l-karozza għaliex ma kinitx irreġistrata f'isimha. Luke wieġbu li kellu fotokopja tal-logbook, urihulu, u l-avukat wieġbu li kien fuq kunjom l-attriċi xebba.*[9] *Imbagħad l-avukat u r-raġel tal-attriċi bdew isemmu xi ħsarat.*[10] *Ix-xhud qal: "Dakinhar intom tlaqtu bil-karozza"*[11] *u iktar tard qal "iċ-ċavetta hu poġġiha fuq il-bank u ma kinitx għadha fuq il-bank, jien nissoponi (sic) ċ-ċavetta ħaduha magħhom u telqu bil-karozza reġgħu".*[12]

*Skont l-addetti tal-konvenuta, huma ma raw l-ebda karozza x'ħin ħarġu minn fuq ix-xogħol.*[13] *L-avukat tal-attriċi kkonferma, b'dikjarazzjoni maħlufa, mhux assoġġettata għal kontroeżami, li l-karozza ġiet imħollija fis-sede tal-konvenuta. Esebixxa wkoll ritratt tal-karozza fid-drive-in tal-istess post.*[14] *L-attriċi tgħid li telqet bil-karozza ta' żewġha li kien qiegħed jistenna barra.*

*Ma ngħatatx kopja tal-logbook u għalhekk ma kinitx taf jekk il-karozza kinitx imdawra fuq isimha jew le.*[15] *Jirriżulta li r-reġistrazzjoni tal-vettura daret fuq "Irene Polidano" fit-12 ta' Lulju 2019 ċjoè dakinhar stess.*[16]

*B'ittra uffiċjali tal-**15 ta' Lulju 2019** l-attriċi talbet ir-rifużjoni tal-flus billi l-bejgħ tas-Citroen sar fuq il-pretenzjoni falza li ma setax jingħata rimbors. B'nota tat-23 ta' Lulju 2019 il-konvenuta wieġbet li l-attriċi kienet xtrat il-karozza volontarjament, u illi l-vettura kienet irreġistrata f'isem l-attriċi u mhux f'isem Christian Borg għan-nom tal-konvenuta.*

*Fil-**25 ta' Settembru 2019** l-attriċi ppreżentat din il-kawża flimkien ma' ċedola ta' depożitu tal-vettura.*[17]

---

[6] Fol. 82
[7] Depożizzjoni a fol. 121 u 125, 136
[8] Fol. 137
[9] Fol. 146, 147
[10] Fol. 148, fuq domandi mill-avukat tal-attriċi
[11] Fol. 148
[12] Fol. 149
[13] Rapport tal-Pulizija tal-10 ta' Lulju, 2019
[14] Fol. 109
[15] Fol. 97, affidavit tal-attriċi
[16] Fol. 44, vehicle history details
[17] Fol. 72-73

*Skont l-attriċi, mhux kontradetta, fil-mori tal-kawża, x'aktarx f'Ottubru 2017 ċemplilha Luke u reġa' offrielha karozza oħra.*[18]

*Ikkunsidrat:*

*Il-Qorti hija ffaċċata b'żewġ verżjonijiet tal-partijiet rispettivi li jaqblu fuq ċerti fatti iżda mhux fuq oħrajn. Skont ir-regoli probatorji magħrufa tad-Dritt Ingliż, fonti tan-normi dwar l-evalwazzjoni tal-provi tal-kodiċi ritwali tagħna, f'każ ta' kunflitt tal-provi, b'verżjonijiet ugwalment verosomili, it-talba jew talbiet bażi tal-kawża jitqies li mhumiex ippruvati: actore non probante, reus absolvitur. Jekk imqar fuq bażi ta' probabbiltà (mhux ta' ċertezza) il-verżjoni tal-attur tkun iktar kredibbli minn dik tal-konvenut, allura jirbaħ l-attur. Soluzzjoni din li jrid jasal għaliha l-ġudikant, anke jekk tista' ma tkunx konformi mal-verità oġġettiva. Il-verosimiljanza rispettiva tal-verżjonijiet tal-partijiet għandha titkejjel, meta jkun hemm, ma' ċirkostanzi oġġettivi.*

*Applikati dawn il-ftit prinċipji bażiċi għall-każ preżenti, jirriżulta li l-attriċi ilmentat mill-ewwel bil-ħsarat. Wara li saret xi tiswija mill-impjegati tal-konvenuta, hija xorta waħda ma kinitx konvinta u ħadet il-karozza biex tiġi spezzjonata minn espert. Meta sab difetti ta' ċerta entità, hija għamlet rapport lill-pulizija u ppruvat – għalxejn – tirritorna l-karozza. F'dan hija kkorroborata wkoll mix-xhieda ta' Samuel Agius Livori. Għalhekk il-Qorti ma tistax tagħti kredibbiltà għall-asserzjoni ta' Luke Milton li wara t-tiswija l-attriċi ma marritx tilmenta iktar. Għalkemm Milton xehed li l-avukat tal-attriċi ilmenta biss li l-logbook ma kienx imdawwar fuq isem l-attriċi, ammetta wkoll li sar aċċenn għall-istat tal-karozza.*

*Min-naħa l-oħra, meta ppreżentat l-ittra uffiċjali tagħha, l-attriċi ma ilmentatx minn ħsarat. B'danakollu, qabel il-preżentata ta' din l-ittra kienet ilmentat mill-ħsarat u saħansitra kienet ħadet il-karozza lura għand il-konvenuta.*

*Il-vizzju huwa redibitorju meta, fil-waqt tal-kontrattazzjoni jew tar-riċezzjoni tal-ħaġa akkwistata, il-ħaġa ma tippreżentax traċċi li jirrilevaw l-eżistenza ta' difetti li xerrej medjokrement attent u diliġenti ma jkunx jista' jagħrafhom u jivvalutahom waħdu. Id-difett jista' jkun moħbi wkoll jekk ma jkunx jista' jimmanifesta ruħu ħlief bl-użu tal-ħaġa".*[19]

*Min-naħa l-oħra, jekk id-difett ikun jidher jew ix-xerrej seta' jsir jaf bih waħdu l-bejjiegħ mhux tenut iwieġeb għalih (Artikolu 1425, Kodici Civili). Li jfisser li "il venditore non è tenuto pei vizi che possono essere rilevati per mezzo della semplice visione della merce, o per altre circostanze estrinsiche, allorché queste sono tali da dovere eccitare particolarmente l'attenzione del compratore".*[20]

[18] Fol. 140
[19] Vol. XXXIV.ii.612
[20] Kollez. Vol XV.316

*In-natura apparenti jew okkulta tal-vizzju għandha tiġi kkunsidrata in rapport tal-kapaċità u konjizzjoni komuni tal-bniedem, u mhux biżżejjed biex vizzju jiġi ritenut apparenti ċ-ċirkostanza li s-sussistenza tal-vizzju tista' tiġi rilevata minn bniedem tal-arti jew perit.*[21]

*Jinstab konkordament affermat mill-ġurisprudenza tagħna, kif ukoll mid-duttrina, li l-bejgħ ta' oġġett użat ma jfissirx li l-venditur jiżvesti ruħu mill-obbligu tal-garanzija dwar difetti moħbija.*[22] *Ifisser biss li l-oġġett jinbiegħ fl-istat fi "stato del bene conseguente al suo uso e che le qualità s'intendono quindi ridotte in ragione dell'usura. Dei vizi il venditore risponde senz'altro, salvo che si tratti di vizi facilmente riconoscibili".*[23]

> *Nella vendita di cosa usata è esclusa l'azione di garanzia per i vizi e difetti che siano una conseguenza normale dell'uso della cosa, mentre altrettanto non può dirsi per quei vizi e difetti (nella specie la rottura del monoblocco del motore di una automobile) che dall'uso rappresentino una conseguenza anormale e siano di tale gravità da diminuire in modo apprezzabile anche la residuata capacità di utilizzo.*[24]
>
> *Anche nella vendita di cose mobili usate, è operante la garanzia per i vizi prevista dall'art. 1490 c.c., dovendo essere distinto il vizio della cosa dal logorio di essa dovuto al normale uso.*[25]

*Tajjeb jew ħażin l-unika xhieda esperta dwar l-istat tal-karozza hi dik mogħtija minn Marco Bugeja.*

*Huwa xehed li l-karozza kienet maħbuta, u mhux imsewwija skont is-sengħa u l-arti. Xehed ukoll li d-difett ma setax jinduna bih min mhux espert. Għalhekk id-difett ċertament kien hemm, u kien wieħed moħbi.*

*Ċertament li dan id-difett jikser il-garanzija mogħtija mill-konvenuta li l-karozza ntużat fix-showroom biss u kienet prattikament ġdida. Ċertament kien hemm, allura, garanzija li ma kinitx maħbuta – u msewwija ħażin. Żgur li d-difett ma kienx dovut għall-użu leġġer li ġiet assoġġettata għalih il-karozza fix-showroom. L-impjegati tal-konvenuta qarrqu bl-attriċi bil-kbir.*

*Bugeja xehed li t-tiswijiet mhux magħmula skont is-sengħa kienu jiswew €1,200 filwaqt li l-parts ma setax jgħid kemm huma billi huwa ma jbiegħhomx. Dan jikkuntrasta ma' dak li qalet l-attriċi li Bugeja qalilha li kellha €6,000 ħsarat. Ebda indikazzjoni ma ngħatat ta' kemm huma l-parts. Dan kollu ma jfissirx iżda li allura l-attriċi ma kellhiex xorta waħda d-dritt li titlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt. Billi l-vettura hija fil-pussess tal-*

---

[21] Kollez. Vol. XXXVIII.i.279

[22] Kollez.Vol. XV.317,Vol. XX.i.273,Vol.XXII.i.309 u ***Joseph Bonanno et -vs- Raymond Dimech***, Appell mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, 12 ta' Jannar 2005; tat-28 ta' Marzu, 2007 in re: ***Victor Anastasi et -vs- Nicholas Parnis England***

[23] **C. Massimo Bianca**: *La Vendita e la Permuta*, Ed. 1972 Unione Tipografico - Editrice Torinese, pagna 826

[24] Tribunal ta' Macerata tal-20 ta' Mejju 1959

[25] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana sez.II, 24.01.1995, n. 806 iċċitata minn **Annachiara Mastrorilli**, *La Garanzia per Vizi Nella Vendita*, 2 ed. (2009) paġna 210.

*konvenuta, u l-impjegati tagħha għażlu li ma jipproduċux il-vettura għad-dispożizzjoni tal-espert tekniku, kwalunkwe nuqqas ta' prova dwar l-entità tad-danni m'għandux jippreġudika lill-attriċi.*

*L-attriċi ma pproduċiet l-ebda prova dwar danni li tallega li sofriet.*

***Radd lura tal-karozza**:*

*L-attriċi ppreżentat ċedola ta' depożitu dwar il-karozza kontestwalment mal-preżentata tar-Rikors Maħluf tagħha. Fiha tiddikjara li kienet qiegħda tiddepożita l-karozza taħt l-awtorità tal-Qorti. Dikjarazzjoni inveritjiera billi ebda depożitu simili ma sar. Dikjarazzjoni impossibbli jekk il-karozza kienet ġiet imħollija għand il-konvenuta. Il-Qorti ma tistax taċċetta s-sottomissjoni tal-attriċi li d-depożitu sar għall-formalità. Id-depożitu fil-Qorti mhuwiex wieħed validu, għas-sempliċi raġuni li ma ġie ddepożitat xejn.*

*L-attriċi iżda tgħid li rritornat il-karozza meta marret mal-avukat filwaqt li l-konvenuta tiċħad dan. Kemm l-attriċi kif ukoll Luke, uffiċjal tal-konvenuta jaqblu li l-avukat tal-attriċi poġġa ċ-ċwievet fuq il-bank quddiem Luke; Luke iżda jgħid li wara ftit tal-ħin ma rahomx iktar fuq il-bank. L-avukat innifsu, li kien il-protagonist ewlieni f'dan ix-xenarju, xehed permezz ta' affidavit, li l-karozza ġiet imħollija għand il-konvenuta.[26] Dwar dan ma ġiex kontroeżaminat. Li jfisser li l-istqarrija tiegħu ġiet aċċettata:*

> *Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness' evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. In Bircham, for example, counsel for the accused was not permitted to suggest to the jury that the co-accused and a witness for the prosecution were the perpetrators of the offence charged, where that allegation had not been put to either in cross-examination. Accordingly, it is counsel's duty, in every case (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case – **Murphy On Evidence – Oxford University Press, 8th Edition, 2003 page 597**.*

*Għalhekk jirriżulta għalkemm il-vettura ma ġietx validament iddepożitata l-Qorti, il-karozza ġiet mogħtija lura lill-konvenuta billi tħalliet fix-showroom flimkien maċ-ċavetta.»*

---

[26] Fol. 109

7. Illi l-kumpanija konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Marzu, 2023 b'erba' aggravji, bl-ewwel wieħed ikun appell mid-digriet tat-8 ta' Frar, 2022.

8. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Qabelxejn din il-Qorti se tistħarreġ l-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-kumpanija konvenuta li permezz tiegħu qiegħda tilmenta dwar id-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti nhar it-8 ta' Frar, 2022 li bih ċaħdet it-talba tagħha sabiex tressaq eċċezzjoni ulterjuri.

10. Il-kumpanija appellanti tfisser li hija kienet ressqet rikors quddiem l-Ewwel Qorti nhar it-3 ta' Settembru, 2021 fejn talbitha sabiex tawtorizzaha tressaq eċċezzjoni oħra li kienet tgħid:

> *«Illi l-azzjoni attriċi hija irritwali u nulla għaliex l-attriċi qua xerrejja ma tistax titlob dikjarazzjoni li l-vettura tal-għamla 'Citroen C3' bin-numru tar-reġistrazzjoni 'FCQ-724' kienet afflitta minn difetti gravi, okkulti u pre-eżistenti li rrendewha mhux tajba għall-użu li għalih hi misjuba (recte: maħsuba) u titlob il-ħlas tad-danni, meta l-istess Vettura baqgħet fil-pussess tagħha u kienet obbligata li kontestwalment tiddepożita l-istess oġġett taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti.»*

11. Illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi qalet:

*«Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kweżit preżenti, in-novità tal-emenda tal-1995 tikkonsisti fiż-żieda tal-Art. 728(2) li jassoġġetta ż-żieda ta' eċċezzjonijiet ulterjuri għall-permess tal-Qorti wara rikors tal-konvenut. Għalhekk filwaqt li Art. 158(1) jippermetti, mingħajr permess tal-Qorti, eċċezzjonijiet ulterjuri għeluq il-provi tal-attur u qabel il-bidu tal-provi tal-konvenut, Art. 728 jipprojbixxi eċċezzjonijiet addizzjonali wara r-Risposta Guramentata mingħajr il-permess tal-Qorti.*

*Dan il-kunflitt ma kienx jeżisti fil-kodiċi ritwali tagħna fl-istat pristin tiegħu. Ġà fih kien hemm l-obbligu li l-eċċezzjonijiet isiru qabel l-għeluq tal-proċedura bil-miktub (ir-Risposta fil-Libell) bil-fakultà tal-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet oħra fi <u>kwalunkwe stadju tal-kawża</u> fil-prim'istanza u <u>bil-permess tal-Qorti biss</u>.*

*Fl-1886, fil-proċediment b'Ċitazzjoni, ġiet introdott l-obbligu li l-eċċezzjonijiet isiru kollha fil-bidu tal-kawża. Il-konvenut kellu l-fakultà jżid jew ibiddel eċċezzjonijiet qabel il-bidu tas-smigħ tal-kawża. Seta' jagħmel hekk ukoll, bil-permess tal-Qorti, wara l-għeluq tal-provi tal-attur. Il-liġi baqgħet l-istess bl-emendi li saru f'dan l-Artiklu fin-1913 u fin-1934. Imbagħad fil-1979, il-konvenut ingħata, bi dritt, il-fakultà li wara l-għeluq tal-provi tal-attur u qabel ma jressaq il-provi tiegħu, jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri. Fl-1995 iddaħħlet id-dispożizzjoni tal-Art. 728(2) li tgħid kategorikament li "**ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża**" għajr bil-permess tal-Qorti. Dan imur kontra d-dispost tal-Art. 158(11).*

*Minn riċerka li għamlet din il-Qorti, ma rnexxilhiex issib pronunzjament li jirriżolvi dan il-kweżit.*

*Sabet żewġ sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li affermaw li l-konvenut għandu, bi dritt, jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri fl-istadju msemmi fl-Art. 158(11). Dan iżda qalitu obiter għaliex f'dawk il-kawżi dan l-istadju kien definittivament ingħalaq meta ġiet ippreżentata n-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri.*[27]

*Sabet ukoll sentenza oħra, ukoll tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, ippronunzjata qabel iż-żewġ sentenzi li għadhom kif issemmew, li għamlet enfasi fuq id-divjet fl-Art. 728(2) u ma għamlet l-ebda riferenza għall-Art. 158(11). F'dan il-każ, il-konvenut kien ippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri mingħajr permess*[28]*.*

*Din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, waslet għall-konklużjoni li l-effetti tal-Art. 158(11) inġiebu fix-xejn permezz tal-Art. 728(2). Dan għaliex:*

*(1) Il-kodiċi tal-proċedura għandu jitqies bħala unitarju, ċar u koerenti.*

---

[27] ***Diana Gatt v. Vincent Said*** 23.02.2001 Qorti tal-Appell (J. Said Pullicino President; J.A. Filletti; Franco Depasquale); ***Paul Fiorentino v. David Jones*** 05.10.2018 Qorti tal-Appell (J. Azzopardi President; J.R. Micallef, T. Mallia) eċċezzjonijiet ulterjuri mingħajr permess.
[28] ***John Mary Vella v. Winston Azzopardi*** 06.10.1999 Qorti tal-Appell (J. Said Pullicino President; C. Agius; J.D. Camilleri)

*(2) Storikament, il-Kodiċi ma kien jagħti l-fakultà illimitata lill-konvenut li jressaq mingħajr il-permess tal-Qorti eċċezzjonijiet ulterjuri lanqas qabel jibda bil-provi tiegħu, għajr għal dawk l-eċċezzjonijiet ikkontemplati fil-liġi. Din il-fakultà ġiet introdotta biss fis-sena 1979.*

*(3) L-art. 728(2), bħala liġi posterjuri għal dik tal-Art. 158(11), tipprevalixxi fuqu b'mod li tabrogah: ius posterior derogat priori.*

*(4) L-Art. 728(2) ġie introdott fil-1995 fuq rakkomandazzjoni ta' Kumitat kompost minn ġuristi illustri maħtur bl-iskop speċifiku "to facilitate and expedite procedures in court". L-ispedizzjoni tal-kawżi llum il-ġurnata iktar minn qatt qabel huwa l-"overriding objective" tar-regoli ta' proċedura. Ċertament mhijiex konsonanti ma' dan l-oġġettiv suprem id-dritt illimitat li jitqanqlu eċċezzjonijiet ġodda wara li l-attur ikun temm il-provi tiegħu. Dan barra li jista' jpoġġi lill-attur fi żvantaġġ. Fl-interess tal-ħeffa, tul iż-żmien, il-leġislatur progressivament ħa ħsieb li kemm jista' jkun il-pożizzjonijiet rispettivi tal-attur u tal-konvenut ikunu ċari u lesti fil-bidu tal-proċediment. Hekk insibu li l-attur irid, fl-att promotur tiegħu, mhux biss juri b'mod ċar ir-raġunijiet u l-oġġett tat-talba tiegħu, imma wkoll jiddikjara l-fatti bażi tal-allegazzjonijiet tiegħu kif ukoll isemmi x-xhieda li jkun bi ħsiebu jipproduċi u l-iskop l-għala jkun irid iressaqhom. Konformement mal-esiġenza tal-ħeffa, l-ebda xhud mhux hekk iddikjarat ma jista' jiġi prodott. L-istess jgħodd, mutatis mutandis, għall-konvenut huwa u jressaq id-difiża tiegħu. Wara r-Rikors Maħluf u r-Risposta Ġuramentata, il-partijiet għandhom ikunu f'qagħda li jkunu konoxxenti sewwa tal-pretensjonijiet rispettivi tagħhom. Huwa evidenti li f'sistema bħal din, għandha tkun regola stretta li eċċezzjonijiet ulterjuri m'għandhomx ikunu permessi għajr f'każijiet eċċezzjonali. Qajla hija konformi ma' din is-sistema – anzi, timmilita kontriha – il-fakultà bla limitu tal-konvenut li joqgħod iqanqal difiżi ġodda wara li l-attur ikun għalaq il-provi tiegħu. Provi li l-attur ikun ressaq mhux biss fid-dawl ta' dak li jkun allega hu stess, imma wkoll ta' dak li jkun eċċepixxa l-konvenut. L-Art. 728(2) iddaħħal biex isaħħaħ ir-regola antika – imniżżla fil-pożittiv - kontenuta fl-Art. 728(1) li l-eċċezzjonijiet għandhom jingħataw kollha fi stadju bikri billi daħħal regola negattiva korrispondenti. Jekk jitħalla jipprevalixxi l-Art. 158(11), l-Art. 728(2) jkun ġie introdott għalxejn fir-riformi proċedurali estensivi tal-1995 li kellhom l-għan speċifiku li jkollna ġustizzja eħfef u aħjar f'dawn il-Qrati.*

*Ikkunsidrat:*

*Ir-rikors tas-soċjetà konvenuta ġie ppreżentat wara li l-attriċi temmet il-provi tagħha u qabel il-konvenuta bdiet b'tagħha. Għalkemm tinvoka l-Art. 158(11), il-konvenuta xorta waħda qiegħda titlob il-permess tal-Qorti biex tippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri. Fid-dawl tar-raġunament hawn fuq espost, il-Qorti tħoss li l-Art. 158(11) ma jistax jiġi applikat għaliex ġie impliċitament abrogat.*

*Jonqos għalhekk jiġi deċiż jekk il-Qorti għandhiex tagħti permess jew le għall-preżentata tal-eċċezzjoni ulterjuri. L-attriċi qiegħda titlob dikjarazzjoni li l-karozza li xtrat mingħand il-konvenuta hija afflitta minn difetti moħbija. Kontestwalment mar-rikors ġuramentat ippreżentat ċedola ta' depożitu tal-istess karozza li tallega li ħalliet għand il-konvenuta. Allegazzjoni miċħuda mill-konvenuta. Issa l-konvenuta qiegħdha titlob li tippreżenta eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li l-azzjoni hija nulla billi, skontha, il-vettura baqgħet fil-pussess tal-attriċi u minkejja d-depożitu ma ġietx fiżikament iddepożitata fir-reġistru tal-Qorti.*

*Il-Qorti f'dan l-istadju mhix sejra tikkummenta dwar il-mertu tal-eċċezzjoni proposta – kif għamlet l-attriċi fir-risposta tagħha. Tista' tiddeċiedi biss jekk huwiex opportun li din l-eċċezzjoni ulterjuri titħalliex tiġi ntrodotta fl-atti jew le. Issa ċ-ċedola tad-depożitu ma saritx waqt is-smigħ tal-kawża, imma kontestwalment mar-Rikors Guramentat. Li jfisser li ma kien hemm xejn xi jfixkel lill-konvenuta milli tinkludi l-eċċezzjoni de quo fir-Risposta Ġuramentata.»*

12. L-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti filwaqt li warrbet l-applikazzjoni tal-**Artikolu 158(11)** u tal-**Artikolu 728(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ċaħdet it-talba tagħha l-aktar minħabba li ċ-ċedola tad-depożitu saret kontestwalment mar-rikors maħluf, u b'hekk ingħad li hija kellha kull opportunità li tressaq din l-eċċezzjoni fir-risposta maħlufa tagħha. Tgħid li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta bbażat ir-raġunament tagħha fuq il-punt li ġiet ippreżentata ċ-ċedola tad-depożitu fejn l-attriċi appellata ppremettiet bil-ġurament li ddepożitat il-vettura l-Qorti. Tinsisti li kien biss matul is-smigħ tal-provi tagħha li l-attriċi ddikjarat li l-karozza ma ġietx effettivament depożitata l-Qorti, liema dikjarazzjoni saħansitra tirrendi ċ-ċedola msemmija finta u għaldaqstant monka. Tgħid ukoll li l-fatt li ċ-ċedola tad-depożitu hija waħda inveritiera ġie anke rikonoxxut b'mod kontradittorju mill-Ewwel Qorti stess fis-sentenza finali tas-27 ta' Frar, 2023. Tagħlaq għalhekk billi tgħid li t-talba tagħha kienet taqa' fil-

parametri tal-**Artikolu 728(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

13. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti wettqet studju tajjeb ħafna dwar l-artikoli tal-liġi rilevanti u kuntrarjament għal dak li qalet il-kumpanija konvenuta ma warrbet l-ebda artikolu tal-liġi iżda tat l-interpretazzjoni tagħha fl-isfond tat-tibdil li seħħ fiż-żminijiet.

14. Ġie mtenni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fil-25 ta' April, 2024 fl-ismijiet ***Raymond Mallia et v. Mansueto Zammit et*** li:

> *«Huwa prinċipju mill-aktar bażiku fil-liġi tal-proċedura, li f'dawk il-kawżi li jitressqu b'rikors ġuramentat, l-eċċezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji, kif ukoll dawk fil-mertu, għandhom jingħataw mill-ewwel fir-risposta ġuramentata (ara* ***l-Artikolu 728 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili****). Fil-fatt ingħad kemm-il darba, li la huwa korrett u lanqas ma huwa permess bil-liġi tal-proċedura, li parti mħarrka tqajjem difiżi ġodda, jekk ma jkunux ingħataw b'eċċezzjoni formali fit-tweġiba maħlufa għall-kawża, jew inkella permezz ta' xi eċċezzjoni ulterjuri li titressaq bil-barka tal-Qorti (ara* **Santumas Shareholdings plc v. C&M Contractors Limited** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024). Dan kollu jgħodd sakemm l-eċċezzjoni li tfaqqas f'salt, la tkun waħda ta' bixra perentorja u lanqas ma tkun waħda li bil-liġi tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża (ara* **Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).»*

15. Il-pożizzjoni meħuda mill-Ewwel Qorti hija waħda li taqbel mal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. Hekk per eżempju, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta*** mogħtija fil-15 ta' Ġunju, 2023 fissret li l-liġi tgħid fl-**Artikolu 728(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li meta l-kawża tkun inbdiet permezz ta' rikors maħluf, allura bħala

regola ġenerali l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut għandhom jingħataw fir-risposta maħlufa. Skont l-**Artikolu 158(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din ir-risposta maħlufa trid tiġi preżentata fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf. L-**Artikolu 728(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jkompli jgħid li ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża, b'dan li l-Qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut, tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux ingħataw fir-risposta oriġinali.

16. Ingħad mill-istess Qorti li din ir-regola ġenerali li eċċezzjonijiet addizzjonali għandhom jitħallew jitressqu biss jekk ikun hemm il-barka tal-qorti, ma tgħoddx f'żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi, *viz*. (i) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titressaq f'kull waqt tal-proċeduri skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (ara **Artikolu 731 tal-istess Kodiċi**); u (ii) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda ta' sura perentorja (ara **Artikolu 732 tal-istess Kodiċi**). Għal aktar tagħrif dwar dan is-suġġett wieħed jista' jara s-sentenzi ***Sunspot Tours Limited v. C.H. Caterers Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2003, ***Bank of Valletta plc v. Sand & Gravel Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta'

Settembru, 2016 u ***Paul Fiorentino et v. David Jones noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2018).

17. Kemm hu hekk ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Kevin Azzopardi v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2014, jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun ta' sura perentorja jew l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titqajjem f'kull stadju skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, allura l-Qorti ma tistax tinqeda bid-diskrezzjoni li tara jekk kienx hemm raġuni tajba għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux tressqu qabel, iżda, hija marbuta li tħallihom jitressqu fil-kawża.

18. Tassew l-uniku stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti f'qagħda bħal din, huwa li tikkonferma jekk l-eċċezzjoni addizzjonali mqanqla mill-konvenut hijiex tabilħaqq ta' sura perentorja jew inkella jekk din hijiex eċċezzjoni li tista' titqajjem f'kull stadju skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (ara ***Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).*

19. Meqjus dan kollu, din il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni li l-kumpanija appellanti riedet tressaq la kienet ta' sura perentorja u lanqas waħda li tista' titqajjem f'kull stadju. Il-kumpanija konvenuta ma tgħidx sewwa meta tfisser li kellhom jitressqu l-provi sabiex tressaq l-eċċezzjoni li riedet tressaq u dan għar-raġunijiet li sejrin jitfissru. Fir-rikors maħluf, m'hemmx

biss il-premessa numru ħdax ċjoè dik fejn jingħad li l-vettura ġiet depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti, iżda hemm ukoll il-premessa numru sebgħa li b'mod ċar tgħid li l-attriċi kienet irritornat il-vettura fil-pussess tal-kumpanija konvenuta (li messha anke dak il-ħin xegħlet bozza li dan ma kienx possibbli). Filwaqt li l-kumpanija appellanti minn dejjem ċaħdet li l-karozza ttieħdet lura fis-*showroom* tagħha, min-naħa l-oħra fiċ-ċedola tad-depożitu jiġi nnutat li ebda ċavetta ma ġiet depożitata.

20. Mhux hekk biss, il-kumpanija konvenuta stess għarfet x'tip ta' azzjoni kienet qiegħda titressaq u ladarba l-kumpanija ssostni li l-karozza ma ntradditx lura u ma kien hemm ebda ċavetta depożitata, xejn ma kien ifixkel lill-kumpanija konvenuta li tressaq l-imsemmija eċċezzjoni fir-risposta maħlufa tagħha. Ma kien hemm xejn xi jwaqqafha li tmur twettaq il-verifiki tagħha dwar l-istess ċedola qabel il-preżentata tar-risposta maħlufa tagħha.

21. Għaldaqstant dan l-aggravju mhux mistħoqq u d-digriet appellat qiegħed jiġi kkonfermat.

22. Inkomplu għalhekk għall-**<u>aggravji dwar is-sentenza finali</u>**. Dawn l-aggravji għalkemm imlibbsa bl-argument li l-Ewwel Qorti ma wettqitx apprezzament tajjeb tal-liġi u jingħad fihom li dan jgħodd anke għall-għarbiel tal-provi, madankollu din il-Qorti tqis li dawn mhumiex għajr aggravji dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti eżaminat il-provi.

23. Fil-qosor, il-kumpanija konvenuta permezz tat-**tieni aggravju** tgħid li b'konsegwenza li l-vettura ma ġietx depożitata l-Qorti, u sal-lum ma rriżultax fejn tinsab, jiġi b'hekk li l-karozza ma ġietx esibita jew ritornata mill-attriċi u dan kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tiċħad it-talba attriċi. Tgħid li minflok hija ressqet ix-xhieda ta' Luke Milton (impjegat tagħha) li l-kumpanija kienet irrifjutat il-karozza u għalhekk l-appellata kellha tiddepożita l-karozza taħt l-awtorità tal-Qorti jekk riedet tirnexxi bl-azzjoni tagħha.

24. Permezz tat-**tielet aggravju** (li tressaq mingħajr ħsara għall-aggravji l-oħra), il-kumpanija konvenuta tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata kif waslet għall-konklużjoni li l-attriċi rritornat il-karozza u dan ukoll billi skontha saru konsiderazzjonijiet kunfliġġenti u mhux tajbin tad-dritt. Tissokta tgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq l-affidavit tal-avukat difensur tal-appellata, li billi ma sarx il-kontroeżami tiegħu, tqis li l-istqarrija tiegħu ġiet aċċettata. Il-kumpanija konvenuta tgħid li l-Avukat Psaila la kien xhud dikjarat fil-proċeduri u lanqas tressqet talba lill-Ewwel Qorti sabiex jiġi ammess bħala xhud. Għaldaqstant tisħaq li ladarba l-preżentata tal-affidavit sar kontra l-proċedura hekk kif jingħad fl-**Artikolu 156(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, dan kellu jwassal biex l-Ewwel Qorti mhux talli ma kellhiex tagħti piż lil dik ix-xhieda talli kellha titwarrab.

25. Mingħajr ħsara għall-argument ta' qabel, il-kumpanija appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti ma qisitx tajjeb li għaliex ma sarx kontroeżami l-istqarrija ġiet aċċettata. Bl-istess argument lanqas sar kontroeżami lix-xhieda mressqa minnha. Tirreferi għax-xhieda ta' Luke Milton fl-affidavit meta jgħid li huwa insista li ma setax jaċċetta l-karozza.

26. Fl-aħħar aggravju tagħha (li tressaq ukoll bla ħsara għall-aggravji ta' qabel), il-kumpanija konvenuta tilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx sew l-elementi tal-azzjoni redibitorja u tal-provi mressqa minnha. Tfisser li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-karozza inkwistjoni kellha difetti moħbija billi straħet fuq ix-xhieda ta' Marco Bugeja li ma ppreżenta l-ebda rapport u lanqas għaraf il-karozza mir-ritratti murija lilu. L-Ewwel Qorti kienet selettiva billi ma qisitx ix-xhieda kollha tiegħu fosthom li huwa bilkemm ftakar id-dettalji. Mix-xhieda tiegħu ħareġ biss li l-*brackets* ta' wieħed mill-fanali ta' quddiem u l-*bracket* tal-*bumper* ta' quddiem ma kinux imqiegħdin sew. Tisħaq li għalhekk ma kellux jitqies li l-karozza kellha difetti latenti.

27. B'żieda ma' dan, il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti ma daħlitx fil-kwistjoni dwar jekk id-difetti msemmija kinux jeżistu filwaqt tal-ftehim. Hekk ukoll tgħid li l-Ewwel Qorti ma daħlitx fil-kwistjoni mressqa minnha li l-karozza kienet inxtrat *second hand.* Tgħid ukoll li f'dan il-każ

ma nħatar l-ebda espert biex jispezzjona l-vettura għaliex din ma ġietx depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti.

28. Fl-aħħar nett, mingħajr ħsara għal dak li qalet qabel, il-kumpanija konvenuta tgħid li tiswijiet fl-ammont ta' €1,200 f'vettura *second hand* li għandha l-kilometri reġistrati m'għandhomx iwasslu għar-rexissjoni tal-kuntratt, u f'każ li jiġi aċċettat li jeżistu danni ma kellux jiġi ordnat li l-kumpanija konvenuta trodd lura l-prezz sħiħ.

29. Qabel ma' din il-Qorti tistħarreġ l-aggravji, ikun ta' siwi li ssir referenza għall-prinċipji legali u tagħlim ġurisprudenzjali li din il-Qorti jeħtiġilha żżomm f'moħħha u tħaddem għall-każ tal-lum.

30. Illi l-azzjoni redibitorja hija wieħed mir-rimedji mogħtija mil-liġi lix-xerrej fir-rabta li l-bejjiegħ tiegħu għandu li jiggarantixxi li jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom (**Artikolu 1424 tal-Kodiċi Ċivili**). Illi l-imsemmija azzjoni hija mħarsa b'dak li jgħid l-**Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili** u li jagħti lix-xerrej l-għażla ta' waħda minn żewġ azzjonijiet f'każ li joħorġu difetti mistura fil-ħaġa mixtrija: jew l-għażla li jħoll il-kuntratt u jitlob ir-radd lura tal-prezz imħallas (bħalma hu dan il-każ), jew li jżomm il-ħaġa mixtrija imma jitlob

lura l-biċċa mill-prezz li l-Qorti tistabbilixxi. Din l-azzjoni tgħodd kemm jekk il-ħaġa mixtrija tkun mobbli u kif ukoll jekk tkun immobbli. (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fis-27 ta' Marzu, 2018 fl-ismijiet ***Godfrey Vella et v. Arkitett u Inġinier Ċivili Brian Ebejer et***).

31. Issa kif inhu sew magħruf anke fil-każ ta' bejgħ, biex ix-xerrej ikollu jedd għall-ħall tal-kuntratt id-difett misjub irid ikun ta' ċertu entità u gravità,

> *«la cui misura è determinata dalla legge in due criteri, l'uno obiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all'uso cui è destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l'altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o al meno l'avrebbe acquistata a prezzo minore»* (**Kollez. Vol. XXIV P I p 981** u **Vol. XXVII P III p 454**) (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Joseph Vella Brincat et v. Hal Mann Limited*** mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2007).

32. Magħdud ma' dan, ir-radd lura lill-bejjiegħ tal-ħaġa mixtrija misjuba difettuża huwa rekwiżit kruċjali għas-suċċess tal-azzjoni redibitorja, u huwa l-element li jagħraf dik l-azzjoni mill-azzjoni estimatorja (*vel quanti minoris*), fejn ix-xerrej ikun qiegħed jippretendi biss it-tnaqqis fil-prezz u mhux it-tħassir tal-kuntratt. Dan joħroġ ċar minn kliem l-**Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili**. Dwar dan, ingħad mill-Qrati tagħna li:

> *«Fondamentali ... hu l-prinċipju li l-actio redhibitoria kienet timponi fuq il-kompratur 'li jagħti lura l-ħaġa' u ċjoè r-restituzzjoni tal-oġġett mixtri mill-venditur u kontestwalment li 'jitlob ir-radd tal-prezz'. Il-liġi ma tippermetti allura l-ebda alternattiva oħra lill-kumpratur li jagħżel li jaġixxi bl-azzjoni redibitorja. Fil-verità allura l-kumpratur ma kellux id-dritt li jibqa' jżomm l-oġġett f'idejh u li jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tiegħu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oġġett mibjugħ għaliex ikun irriskontra d-difett latenti jagħti lura l-ħaġa lill-venditur»* (Appell Ċivili deċiż fis-6 ta' Ottubru, 2000 fil-kawża fl-ismijiet ***Busietta noe v. Borg Cardona et noe***).

33. Illi l-ħarsien ta' dan l-obbligu tax-xerrej (ladarba jkun għażel li ma jridx l-oġġett) jaf il-ħtieġa tiegħu għall-fatt li l-effett tal-azzjoni redibitorja huwa wieħed li jħassar in-negozju u li jerġa' jqiegħed lill-partijiet fl-istess qagħda li kienu qabel intlaħaq il-ftehim (**Artikolu 1209(1) tal-Kodiċi Ċivili**). Dan jingħad għaliex l-oġġett ikun irid jintradd lura fl-istess kundizzjoni u stat (ukoll jekk diġà milqut b'difett jew nuqqas) li kien meta ntlaħaq il-ftehim. Għalhekk, jekk kemm-il darba l-ħaġa ddum f'idejn ix-xerrej u tilħaq titgħarraq, ma jkunx jista' jintlaħaq l-għan tar-rexissjoni. Dan jingħad b'qawwa akbar jekk it-tgħarriq iseħħ bil-fatt tal-imġiba tax-xerrej (**Ricci***: Diritto Civile Vol VII*, par 183; u **Borsari**: *Commentario del Codice Civile Italiano Vol IV*). Kemm hu hekk, huwa aċċettat li ż-żamma min-naħa tax-xerrej tal-ħaġa mixtrija minkejja d-difett li fiha: *«preclude l'azione di risoluzione, non per la sola materiale impossibilità di rimettere le parti nelle condizioni nelle quali si trovavano nel momento del contratto, bensì in quanto costituisca una non equivoca dimostrazione di un comportamento incompatibile con la volontà e con la finalità di provocare lo scioglimento del vincolo ed una dimostrazione del fatto che l'acquirente abbia inteso accettare la res compravenduta nonostante la presenza dei vizi o difetti»* (Cassaz. 8.11.1965 nru. 232). Illi din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-liġi tagħti żmien perentorju relattivament qasir biex wieħed iressaq azzjoni dwar il-garanzija (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Domenic Micallef et v. Mizzi Brothers Limited*** mogħtija fid-29 ta' Settembru, 2011).

34. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Greenlines Environmental Services Limited v. Julian Falzon*** mogħtija fid-9 ta' Novembru, 2023 qieset li l-elementi tal-azzjoni ta' tħassir ta' bejgħ jikkonsistu f'bejgħ ta' ħaġa milquta b'difett li jkun: (i) gravi u serju; (ii) mistur; u (iii) diġà jeżisti fil-waqt tal-bejgħ. Biex jista' jingħad li d-difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minħabba fih, il-ħaġa mixtrija ma tibqax aktar tajba għall-għan li għalih inxtrat (dan jissejjaħ difett gravi oġġettiv), jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx iħallas għall-ħaġa daqskemm fil-fatt ikun ħallas biex jiksibha (dan jissejjaħ difett gravi soġġettiv) (ara ***Emanuel Fava v. Prof. John Mamo LL.D. noe et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2003, ***Domenic Micallef et v. Mizzi Brothers Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2011, ***Charles Gravina v. Adrian Muscat pro et noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2013 u ***Avukat Peter Grima v. Andrew Cremona pro et noe*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023). Għall-għanijiet tal-azzjoni redibitorja li ntgħażlet mill-kumpanija attriċi, dak id-difett irid ikun wieħed oġġettivament serju (ara ***Helen Micallef v. Godfrey Debattista et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2005).

35. Il-piż tal-prova li d-difett tal-ħaġa mibjugħa kien jeżisti qabel il-bejgħ jaqa' fuq ix-xerrej li jallega dak id-difett. Madankollu, ix-xerrej mhuwiex

obbligat jagħmel prova speċifika tad-difett li kellu l-oġġett minnu mixtri u huwa biżżejjed min-naħa tiegħu li jipprova li l-oġġett ma kienx tajjeb għall-użu tiegħu. Naturalment, din il-prova trid tkun waħda li tikkonvinċi lil min ikun qiegħed jiddeċiedi. Id-difett m'hemmx għalfejn ikun ta' xi gravità estrema imma hu biżżejjed li jkun wieħed serju fil-kuntest u l-perspettiva tal-każ (ara ***Neville Xuereb v. Michael Formosa Gauci*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar, 2006 u ***Avukat Dottor Anton Felice et v. Aplan Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) fit-12 ta' Jannar, 2005).

36. Ngħaddu issa biex jiġu mistħarrġa l-aggravji mressqa mill-kumpanija konvenuta li se jitqiesu f'daqqa billi jirkbu fuq xulxin.

37. Fil-qosor ħafna, irriżulta li l-attriċi f'Ġunju tas-sena 2019 uriet l-interess sabiex tixtri karozza mingħand il-kumpanija appellanti tal-għamla Hyundai i30 għall-prezz ta' €12,000. Sat-12 ta' Ġunju, 2019 hija kienet ħallset il-prezz kollu, inkluż l-ammont ta' €615 rappreżentanti l-liċenzja tal-karozza u tal-assikurazzjoni. Din il-karozza ma ġietx konsenjata lill-attriċi billi ntqal lilha li kien hemm xi kwistjonijiet dwar il-*logbook* tal-Ingilterra. Il-kumpanija konvenuta rrifjutat li trodd lura l-flus lill-attriċi (kontra l-liġi) u b'hekk l-attriċi ma kellhiex għażla oħra għajr li tagħżel karozza oħra *second hand* minflok. L-għażla waqgħet fuq karozza tal-għamla Citroen C3 (Reġistrazzjoni Numru: FCQ 724) li kienet tiswa

€14,540. B'hekk l-attriċi kellha żżid l-ammont ta' €2,540 mat-€12,000 li kienet diġà ħallset nhar l-4 ta' Lulju, 2019. Proprju fl-istess ġurnata hija ħadet il-pussess tal-karozza.

38. L-attriċi fl-affidavit tagħha xehdet li hekk kif ħarġet il-karozza mix-*showroom* mill-ewwel indunat li l-karozza kienet qiegħda tagħmel il-ħsejjes. Hija xehdet hekk:

> *«Malli ħriġt minn hemm, bdejt nisma' ċekċik mill-qiegħ tal-karozza u għalhekk ċempiltilhom minnufih biex ninfurmahom b'dan. Stante illi l-ġurnata kienet il-Ġimgħa s-soċjetà intimata talbitni sabiex il-karozza neħodha t-Tnejn ta' wara, wara għeluq il-ġimgħa. Jien hekk għamilt u t-Tnejn ta' wara kont ħadtilhom il-karozza. ........., ftit minuti biss wara ġew lura bil-vettura fejn skonthom, qaluli 'lli ma setgħu jagħmluli xejn ħlief żewġ viti invitati ġol-plastic stess tal-karozza.»*

39. L-attriċi ma kinitx kuntenta. L-għada ħadet il-karozza għand stabbiliment Auto Max flimkien ma' żewġha. Tixhed fl-affidavit tagħha li s-sid u ibnu eżaminaw il-karozza u dawn qalulhom biex imorru jagħtu lura l-karozza għaliex ma kinitx tajba biex tinstaq. Xehdet hekk:

> *«Automax qalulna illi l-karozza ma kellhiex airbags u li jinsabu ċerti illi din il-karozza mhijiex ser tgħaddi l-VRT test li jmiss. Huwa fetaħ il-bonnet u dar mal-karozza u rriżulta li l-vettura konsenjata lir-rikorrenti kienet aflitta minn multipliċità ta' difetti gravi li kienu ilhom, tant illi kont ġejt infurmata li l-karozza, fl-istat li qiegħda għandha pressa o poco xi sitt elef spejjeż sabiex din titranġa kif suppost.»*

40. Meta semgħet hekk, l-attriċi tgħid li ċemplet fix-*showroom* u avżat lil Luke Milton li l-karozza kienet ħażina u ma ridithiex. Fl-affidavit tagħha tixhed li l-kumpanija konvenuta la riedet trodd lura l-flus jew li tbiddel il-karozza. Jirriżulta li fl-10 ta' Lulju, 2019 l-attriċi għamlet rapport lill-Pulizija

Eżekuttiva (ara Dok CB1 f'paġni 90 sa 93 tal-proċess). L-attriċi reġgħet marret ix-*showroom* flimkien ma' żewġha u ċertu Samuel Agius Livori. Dan tal-aħħar xehed li ġew injorati mill-impjegati tal-kumpanija konvenuta. Fit-12 ta' Lulju, 2019 l-attriċi reġgħet marret ix-*showroom* ma' żewġha u mal-avukat tagħha. L-impjegati tal-kumpanija appellanti rrifjutaw li jieħdu lura l-karozza. Skont l-attriċi, Dr Psaila ħalla ċ-ċwievet fuq il-bank quddiem Luke Milton u avżah li l-karozza kienet qiegħda tiġi ritornata u ħallew il-karozza fuq ir-rampa. Ġew esibiti ritratti li juru l-karozza fuq ir-rampa (ara Dok EP1 f'paġni 109 u 110 tal-proċess). Irċevuta tar-radd lura tal-karozza ma ntalbitx. Jingħad ukoll mill-attriċi li kopja tal-*logbook* ma kinitx ingħatat sal-ġurnata stess li kienet ħadet lura l-karozza.

41. Fil-15 ta' Lulju, 2019 l-attriċi ppreżentat ittra uffiċjali li permezz tagħha talbet ir-rifużjoni tal-flus billi l-bejgħ tal-karozza sar fuq pretensjoni falza li ma setgħetx tingħata flus lura wara li ma ġietx konsenjata lilha l-karozza tal-għamla Hyundai i30 u b'hekk kienet marret lura mill-ftehim milħuq. Il-kumpanija konvenuta wieġbet fit-23 ta' Lulju, 2019 fis-sens li l-attriċi kienet xtrat il-karozza minn jeddha u l-vettura kienet reġistrata f'isimha. L-attriċi ressqet ir-rikors maħluf fil-25 ta' Settembru, 2019 flimkien ma' ċedola tad-depożitu.

42. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kumpanija appellanti tgħid li meta l-attriċi marret flimkien mal-avukat tagħha l-attriċi ma kinitx qiegħda taċċetta l-karozza għaliex ma kinitx reġistrata f'isimha. Luke Milton dakinhar wieġeb li kellu fotokopja tal-*logbook*, urih lill-avukat u dan tal-aħħar wieġbu li kien fuq kunjom l-attriċi xebba. Kien wara li l-avukat u r-raġel tal-attriċi li semmew xi ħsarat, il-kumpanija konvenuta baqgħet dejjem tgħid li l-attriċi, żewġha u l-avukat telqu bil-karozza u li għalhekk ma tħallietx fir-rampa tas-*showroom* kif issostni l-appellata.

43. Din il-Qorti sejra tibda billi tqis il-kwistjoni dwar jekk sarx ir-radd lura jew le tal-karozza inkwistjoni. Irriżulta mingħajr dubju li permezz taċ-ċedola tad-depożitu ma ġiet ippreżentata ebda ċavetta ta' karozza u llum hemm is-sentenza tal-Ewwel Qorti li kkonkludiet li l-karozza ma ġietx formalment depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti (dwar dan il-fatt ma sar l-ebda appell).

44. Biss però, din il-Qorti ma tistax tieqaf hawn fl-istħarriġ tagħha, billi l-attriċi sa minn meta ppreżentat ir-rikors maħluf semmiet b'mod ċar li hija kienet irritornat il-karozza fil-pussess tal-kumpanija konvenuta – fatt li l-kumpanija konvenuta tiċħad bil-qawwa kollha.

45. Illi din il-Qorti ta' sikwit issib ruħha mħabbta b'verżjonijiet li jkunu kunfliġġenti. Illi l-prinċipju li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min

jallega jrid jipprova (**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jiġi deskritt bħala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Huwa l-obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti, sabiex jesibixxi d-dokumenti u jressaq il-provi kollha relevanti għall-każ tiegħu. Fil-fatt l-**Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jipprovdi wkoll li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova.

46. Barra minn hekk, f'ġudizzju ċivili, il-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet u huwa meħtieġ li Qorti tara jekk verżjoni waħda teskludix lil oħra, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-provi min-naħa tal-Qorti f'każ ta' kunflitt bejn verżjonijiet differenti, huwa li tiddeċiedi fuq bilanċ ta' probabbiltajiet u l-verosimiljanza tal-provi u li fin-nuqqas biss, għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' *actore non probante reus absolvitur* (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited***).

47. Il-kumpanija konvenuta qalet li l-Ewwel Qorti straħet l-aktar fuq ix-xhieda tal-Avukat Psaila billi ma sarx kontroeżami tiegħu, iżda li fuq kollox ma kienx xhud dikjarat fir-risposta maħlufa u b'hekk l-affidavit tiegħu kellu jitwarrab.

48. Illi huwa minnu li l-Avukat Psaila ma tniżżilx bħala wieħed mix-xhieda tal-attriċi fil-lista tax-xhieda mehmuża mar-rikors maħluf. Minkejja dan, jingħad li l-attriċi ppreżentat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-Avukat Psaila (ara Dok EP1 f'paġni 109 u 110 tal-proċess) fis-27 ta' Lulju, 2020, u għalkemm wara din id-data nżammew bosta seduta u s-sentenza ngħatat fis-27 ta' Frar, 2023, il-kumpanija konvenuta ma ressqet ebda talba għall-isfilz tal-istess dikjarazzjoni fil-mori tal-kawża. Ladarba ma tressqet ebda talba bħal din, l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn twarrab din il-prova. Fl-aħħar mill-aħħar, kontroparti tista' ma ssib l-ebda oġġezzjoni li jitressaq xhud li ma kienx iddikjarat mill-bidu nett mill-parti l-oħra. Jiġi b'hekk li kemm-il darba, il-kumpanija konvenuta naqset milli tuża' r-rimedju fil-pront quddiem l-Ewwel Qorti ma tistax issa f'dan l-istadju tal-appell tressaq dan il-punt, li huwa punt ġdid u li ma ġiex deċiż f'xi digriet jew fis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Minbarra dan, skont l-**Artikolu 158(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri** l-Qorti tista' tħalli li tinstema' x-xhieda ta' persuna jekk jidhrilha li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil dak ix-xhud partikolari (ara ***Mario Grima v. Valerie Grima*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2004). Effettivament, l-Ewwel Qorti eżerċitat din id-diskrezzjoni tagħha, u din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddisturba din id-diskrezzjoni hekk kif użata mill-Ewwel Qorti għax ma ngħatat l-ebda raġuni valida u gravi għaliex fl-interess tal-ġustizzja ma kienx hemm bżonn li titħalla x-xhieda tal-avukat Psaila.

49. Miżmum dan, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti tqis li l-verżjoni tal-attriċi dwar ir-radd lura tal-karozza hija ferm aktar kredibbli milli dik tal-kumpanija konvenuta. Ibda biex, ix-xhieda tal-Avukat Psaila ma ġietx ikkontestata u b'hekk huwa relevanti dak li ġie mtenni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Lulju, 2024 fl-ismijiet ***Carmelo Vella et v. Brian Degiorgio,*** fejn il-Qorti kellha quddiemha ċirkostanza fejn ma kienx sar kontroeżami, ċjoè li:

> *«Dan il-fatt idgħajjef l-aggravju tal-konvenut appellant (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ġunju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet* **Anthony Camilleri et v. Albert Camilleri***). Hemm ingħad li għalkemm m'għandu jkun hemm l-ebda preżunzjoni li n-nuqqas ta' mistoqsijiet f'kontroeżami hi tifsira awtomatika jew impliċita ta' qbil ma' dak li sostna x-xhud waqt l-eżami (examination-in-chief) tiegħu, peress li l-prinċipju ta' chi tace, acconsente mhux ir-regola, iżda l-eċċezzjoni, huwa minnu li n-nuqqas li jseħħ kontroeżami, għandu jittieħed fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-provi kollha fl-atti. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa meħtieġ li Qorti tara jekk verżjoni waħda teskludix lil oħra, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.»*

50. B'żieda ma' dan, l-attriċi mhux biss xehdet fl-affidavit tagħha li l-karozza tħalliet lill-kumpanija konvenuta meta kienet akkumpanjata mill-avukat tagħha, talli baqgħet konsistenti anki waqt il-kontroeżami tagħha. Magħdud ma' dan, ix-xhieda ta' Luke Milton ma tistax titwemmen meta jitqies li l-attriċi sa ftit jiem wara li ħadet il-pussess tal-karozza ilmentat mal-kumpanija konvenuta dwar il-ħsarat, għamlet rapport lill-Pulizija Eżekuttiva u l-istess Luke Milton ammetta li bdiet titlob li l-karozza tittieħed lura. B'hekk aktar iva milli le, il-karozza tħalliet fix-*showroom* tal-kumpanija konvenuta nhar it-12 ta' Lulju, 2019 anke jekk l-istess Milton ma riedx li jsir hekk u m'aċċettahiex. B'żieda ma' dan, meta l-attriċi marret

tagħmel ir-rapport fl-10 ta' Lulju, 2019 jidher li hija kienet qiegħda titlob il-*logbook* tal-karozza li ma kienx ingħatalha u rrappurtat hekk, fost oħrajn,

> *«Il-manager tas-showroom meta ħadet is-Citroen kien qallha biex tmur għal logbbok it-Tnejn jew it-Tlieta u dalgħodu stess qalilha li l-logbook kien għadu ma rahx u forsi sal-aħħar ta' din il-ġimgħa jkun lest. Ilbieraħ ċemplitlu biex tavżah li l-karozza ma tridhiex peress li kienet imkissra u marret is-showroom biex tgħidlu biex jieħu l-karozza u lilha jtiha l-flus lura. L-aħħar diskors ta' Luke kien li la l-flus u lanqas il-karozza lura ma jista' jieħu u ma jista' jagħmel xejn.»*

51. Dan juri biċ-ċar kemm ir-radd lura tal-karozza kien fi ħsieb l-attriċi u din il-Qorti temmen li huwa dak li seħħ.

52. Miżmum dan, din il-Qorti tqis li mhux minnu li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-elementi tal-azzjoni redibitorja. Hekk kif lanqas mhu minnu li kienet żbaljata dwar il-konklużjoni tagħha li l-karozza inkwistjoni kellha difetti latenti sa mill-ġurnata li l-karozza ġiet konsenjata lilha. Meqjus dak li rriżulta, l-espert li l-Ewwel Qorti ħatret ma setax jeżamina l-karozza u jagħmel ir-rapport tiegħu dwar il-kundizzjoni tal-karozza u dan meta l-karozza kienet għand il-kumpanija konvenuta stess iżda konvenjentement qalet li ma kinitx taf fejn kienet tinstab billi rċevuta li l-karozza ntraddet lura ma kienx hemm. Din il-Qorti ma tqisx li għandha tippremja mġieba bħal din.

53. Fuq kollox, il-verżjoni attriċi tinsab ippruvata sal-grad meħtieġ mil-liġi. L-attriċi xehdet fl-affidavit tagħha dwar iċ-ċekċik li semgħet hekk kif saqet il-karozza. Avżat lill-kumpanija mill-ewwel u ħadet il-karozza u

qalulha li sewwewha. Iżda m'afdatx u ħadet opinjoni. Tant huwa hekk li Marco Bugeja (*panel beater*, *sprayer* u mekkanik) xehed (fis-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2021) li huwa ma kienx jiftakar ħafna dettalji dwar meta eżamina l-karozza. Però ftakar li kellha daqqa fuq quddiem u li ma kinitx imsewwija tajjeb u li kellha ħafna difetti. Fisser li t-tiswija kellha ssir bilfors u kien hemm ħsara għal €1,500/€1,200 u li ma kienx jaf kemm huma l-*parts*. Fil-kontroeżami qal li l-karozza mad-daqqa t'għajn taraha tajba imma ra fanal b'viti mhux tiegħu, *bumper* l-istess u kellha l-pjanċi 'l barra. Dak li kien ftakar iżda qal ukoll li jista' jkun kellha aktar imma ma ftakarx għaliex kien għadda ż-żmien. Huwa minn ewl id-dinja li Bugeja fix-xogħol tiegħu jiltaqa' ma' ħafna karozzi jinsa dettalji dwar karozza li jkun eżamina xi sena u nofs qabel.

54. Biss però meħud inkonsiderazzjoni li l-attriċi mill-ewwel avżat lill-kumpanija konvenuta, kif ukoll, li wara li l-kumpanija konvenuta għamlitilha xi tiswijiet marret għand xi ħadd tas-sengħa biex jispezzjona l-vettura u b'dak li qalilha tant kienet ixxokkjata li marret dlonk tagħmel rapport, ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti. F'dan ir-rapport tniżżel li: *«Irene żiedet li malli Shaun lesta mill-karozza, iddeċidiet li tieħu l-karozza għand l-AutoMax li jinsab faċċata tal-water services biex tiċċekkja l-karozza ħabba xi problemi u forsi jsewwiha naqra aħjar. X'ħin is-surveyor ra l-karozza qal lil Irene biex tieħu l-karozza minn fejn xtratha. Is-surveyor qalilha wkoll li l-karozza kienet qalgħet daqqa kbira u infatti bla airbags, kollox jiċċaqlaq u stima biex issewwiha tlaħħaq 6,000 euro.»* Ir-rapport

sar *a tempo vergine* meta allura l-attriċi lanqas setgħet tbassar x'kien se jiġri. Dan ir-rapport ġie kkonfermat bil-ġurament mis-Surġent Cyril Butters, u ma tressqitx prova kuntrarja lanqas. Jiġi nnutat ukoll li fil-kontroeżami tal-attriċi ma sarux mistoqsijiet la dwar ir-rapport u lanqas dwar il-ħsarat li hija xehdet dwarhom. Fiċ-ċirkostanzi din kienet l-aħjar prova li setgħet tressaq l-attriċi.

*55.* Għal dak li huwa l-argument imressaq mill-kumpanija appellanti li l-karozza mibjugħa kienet *second hand,* mhux minnu li l-Ewwel Qorti warrbet l-argument tagħha. Kemm hu hekk fis-sentenza stess irreferiet għal din il-kwistjoni.

*56.* Illi ġie miżmum fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet ***Patrick Bonanno et v. Nicholas Bateman et*** mogħtija fl-20 ta' Ottubru, 2003 li,

> *«Tajjeb ukoll li jiġi miżmum in mira illi l-oġġett vendut kien 'second hand'. F'każ bħal dan ta' bejgħ sekonda man huwa paċifiku illi "fin-nuqqas ta' provi suffiċjenti jekk l-oġġett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja wieħed għandu jimxi fuq dak li jkun verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu għalhekk ġust u loġiku li jingħad li, meta l-oġġett ġie kwalifikat bħala "tajjeb", dik il-kelma fl-intendiment tal-kontraenti, u skont il-loġika ġuridika, kellha u għandha tiftiehem fis-sens li l-oġġett kellu jkun tajjeb "sa fejn jista' jkun tajjeb oġġett sekonda man bil-prezz li jkun inxtara" –* ***George Portelli v. Vittoria Grim****a, Appell Ċivili, 27 ta' Mejju 1957. Il-kelma 'sekonda man' hi deċiżament kontrapposta għall-kelma 'ġdid' għal dak li hu użu tal-oġġett. Ara f'dan is-sens deċiżjoni fl-ismijiet* ***Pietru Mifsud v. Paolo Nani nomine****, Appell Ċivili, 19 ta' Awissu 1966.»*

57. Fuq kollox, l-**Artikoli 1424** u **1426 tal-Kodiċi Ċivili** ma jagħmlu l-ebda distinzjoni bejn ix-xiri ta' oġġetti ġodda u dawk użati, u minn kif intqal

fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Victor Anastasi et v. Nicholas Parnis England et***. deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-28 ta' Marzu 2007, fil-bejgħ ta' oġġetti użati, *«l-impenn tal-venditur fir-rigward tad-difetti okkulti jibqa' veljanti»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Avukat Peter Grima v. Andrew Cremona proprio et nomine*** deċiża fit-28 ta' Marzu, 2023).

58. Il-ġurista **Francesco Ricci** jgħid li f'azzjoni ta' din ix-xorta, *«il giudice deve non solo tener conto delle condizioni della cosa venduta, ma anche delle intenzioni delle parti e delle circostanzi in cui il contratto si è fatto, per decidere, se, data nel compratore la scienza del vizio che rende meno atta la cosa all'uso cui è destinata, esso ne avesse fatto, oppur no, l'aqusito, ovvero avesse offerto un prezzo minore, oppure lo stess prezzo per il quale si contrattò»* (**Francesco Ricci**, '*Corso Teorico Prattico di Diritto Civile'*, paġni 336-337). F'każ bħal dan, dak li trid tagħmel il-Qorti huwa għalhekk li tqis jekk fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, huwiex verosimili li l-attriċi ma kinitx ser tixtri l-karozza li kieku kienet taf li hija milquta b'dawn il-problemi.

59. Fil-każ tagħna, l-attriċi ġiet assikurata li l-karozza kellha ftit mili. Ir-riklamar tal-karozza kien f'dan is-sens:

> *«2018 Year – Citroen Aircross – 5,000 miles*
> *Only! EX Demo Car!*
>
> *Brand new condition – fairly used with all extras including, keyless Entry, Touchscreen, Bluetooth, Alloy wheels, AC etc...*

*2 year warranty provided!*

*€14,600»*

60. Minn dan jirriżulta li l-prezz tal-karozza lanqas kien xi wieħed irriżorju u allura l-aspettativa tal-kwalità tajba tal-karozza tkun ogħla. Mhux hekk biss talli ngħad li ma kellhiex ħafna mili u kienet karozza tax-*showroom*. Huwa veru li l-karozza hija waħda użata, però l-oġġett xorta huwa kopert bil-garanzija kontra difetti latenti (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Jeremy Debono v. Donald Attard*** mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 2022).

61. Fuq kollox, irriżulta li l-ħsarat li kellha din il-karozza kienu tali li jagħmluha mhux tajba għall-użu maħsub għaliha, ċjoè li tinstaq fit-triq. Dan kien konsegwenza tad-daqqa li kellha, liema daqqa kienet issewwiet (għalkemm mhux tajjeb) u persuna b'diliġenza ordinarja ma kienx se jintebaħ li kellha l-ħsarat li nstabu fiha. L-Ewwel Qorti fil-fatt qagħdet fuq ix-xhieda ta' Marco Bugeja li kien hemm ħsara ta' madwar €1,200 u semma wkoll €1,500 u ma kienx jaf kemm kienu jiswew il-*parts.* L-istess xhud insista li t-tiswijiet kien jeħtieġ li jsiru u li jekk ma jsirux il-karozza ma kinitx tgħaddi mill-*vehicle roadworthiness test* (vrt). Fuq kollox ix-xhud qal li seta' kien hemm aktar ħsarat imma ma ftakarhomx u allura l-Ewwel Qorti qagħdet lura milli tikkunsidra jekk kienx hemm il-ħsarat li semmiet l-attriċi anke għaliex b'sogħba Bugeja ma ftakarx jekk per eżempju l-

karozza ma kellhiex *airbags*. Din il-Qorti ma tqisx li għandha titbiegħed mill-konklużjoni tal-Ewwel Qorti.

62. Ċertament mhux aċċettabbli għall-ebda konsumatur li jħallas eluf ta' ewro sabiex jixtri karozza u jsib ruħu b'karozza mimlija difetti u li jridu jintefqu fuqha spejjeż kbar biex tissewwa. Filwaqt li spejjeż li jkunu relatati ma' *wear and tear* huma mistennija, iżda żgur mhux fl-entità tal-każ tal-lum.

63. In-negozjati jeħtieġu li jsiru dejjem b'rieda tajba u mhux b'tali mod li l-bejjiegħ jipprova jinganna lill-konsumatur biex jagħmel qligħ minn fuqu mhux mistħoqq.

64. Jiġi b'hekk li l-Ewwel Qorti kellha kull raġun tirrexxindi l-kuntratt ta' bejgħ u tordna r-rifużjoni tal-prezz u tal-assikurazzjoni u liċenzja.

65. Għaldaqstant il-bqija tal-aggravji tal-kumpanija konvenuta se jiġu miċħuda billi mhux mistħoqqa.

66. Il-Qorti tagħlaq billi tgħid li f'dan il-każ hemm lok għall-applikazzjoni tas-sanzjoni kif misjuba **f'paragrafu 10 ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Minflok aċċettat u għamlet tajjeb għan-nuqqasijiet tagħha, il-kumpanija appellanti ppruvat tinqeda b'rikors ta' appell mifni b'tul żejjed u b'ħafna argumenti mġebbda għall-aħħar, bit-

tama biss li tkompli taħrab mir-responsabbiltajiet legali tagħha. Bix-xieraq għalhekk li dan kollu jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija No Deposit Cars Malta Ltd u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi u dawk tal-appell jitħallsu mill-kumpanija konvenuta.

Peress li din il-Qorti tqis dan l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju, tikkundanna lill-kumpanija appellanti sabiex, għall-finijiet tal-**paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tħallas, bħala spejjeż addizzjonali, s-somma ta' elf ewro (€1,000) lir-Reġistratur tal-Qrati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss